31999D0486

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Lulju 1999

li temenda d-Deċiżjoni 94/269/KE li tippreskrivi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Kolombja

(notifikata bid-dokument numru C(1999) 1826)

(Test b'rilevanza ŻEE)

(1999/486/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 11 ta' din,

(1) Billi l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/269/KE tat-8 t'April 1994 li jippreskrivi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fil-Kolombja [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 96/31/KE [4], li jgħid li l-*Ministerio de Salud - División de Alimentos* għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-Kolombja li tivverifika u tiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura jikkonformaw mal-kondizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE;

(2) Billi, wara r-ristrutturazzjoni tal-Gvern Kolombjan, l-awtorità kompetenti fejn jidħlu ċ-ċertifikati tas-saħħa għall-prodotti tas-sajd inbidlet mill-*Ministerio de Salud - División de Alimentos* għall-*Instituto Nacional de Vigilancia de Medicamentos y alimentos (Invima)* u din l-awtorità ġdida hija kapaċi li tivverifika effettivament l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ; billi huwa, għalhekk, meħtieġ li tkun modifikata n-nomina ta' l-awtorità kompetenti msemmija mid-Deċiżjoni 94/269/KE;

(3) Billi huwa f'waqtu li jkunu armonizzati d-disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni 94/269/KE mad-disposizzjonijiet tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati dan l-aħħar li jippreskrivu kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw f'pajjiżi terzi;

(4) Billi l-miżuri li tipprovdi għalihom id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/269/KE hija emendata kif ġej:

1. Artikolu 1 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

L-*Istituto Nacional de Vigilancia de Medicamentos y Alimentos (Invima)* għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-Kolombja li tivverifika u tiċċertifika li prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura jikkonformaw mal-kondizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE."

2. L-Artikolu 2 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Il-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fil-Kolombja jridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin.

1. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat tas-saħħa oriġinali numerat, mimli kif għandu jkun, iffirmat, datat u jkun fuq folja waħda skond il-mudell fl-Anness A li hawn magħha;

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 115, tas-6.5.1994, p. 38.
[4] ĠU L 9, tat-12.1.1996, p. 6.

2. il-prodotti jridu jiġu minn stabbilimenti approvati, vapuri fabbriki, imħażen tal-kesħa jew vapuri tal-friża rreġistrati elenkati fl-Anness B li hawn magħha;

3. minbarra fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati fi kwantità kbira u maħsuba għall-manifattura ta' ikel ippriservat, kull pakkett għandu jġib b'ittri li ma jitħassrux il-kelma 'Kolombja' u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, vapur fabbrika, maħżen tal-kesħa, jew vapur tal-friża minn fejn oriġina."

3. L-Anness A għandu jkun sostitwit bl-Anness li hawn magħha.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SA~~ĦĦ~~A

għall-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw fil-Kolombja u li jkunu maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, minbarra molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ta' kull forma

Nru ta' referenza: .....

Pajjiż minn fejn intbaghtu: Kolombja

Awtorità kompetenti: Instituto Nacional de Vigilancia de Medicamentos y Alimentos (Invima)

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

Deskrizzjoni tal-prodott tas-sajd/ta' l-akwakultura (1):

— speċi (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament (2): .....

Numru tal-kodiċi (meta disponibbli): .....

Tip ta' ippakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Piż nett: .....

Temperatura meħtieġa għall-ħażna u l-ġarr: .....

II. **Oriġini tal-Prodotti**

Isem/Ismijiet u numru/i ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment/i approvat/i mill-Ministeru tas-Saħħa biex jesportaw lejn il-Komunità:

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti qed jintbaghtu

minn: .....
(post minn fejn intbaghtu)

għal: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

bil-mezz ta' trasport li ġej: .....

Isem u indirizz ta' min baghathom: .....

.....

.....

Isem id-destinatarju u l-indirizz tal-post tad-destinazzjoni: .....

.....

.....

(1) Ħassar fejn applikabbli.
(2) Ħajjin, imkessħa, iffriżati, immellħa, affumikati, ippreservati, eċċ.

IV. **Ċertifikat tas-saħħa**

L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd jew ta' l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu, u kienu ttrattati abbord il-vapuri skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti bid-Direttiva 92/48/KEE;

2. kienu sbarkati, ittrattati u meta kien xieraq ippakkjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, skonġelati u maħżuna b'mod iġjeniku skondi il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness li hemm mad-Direttiva 91/493/KEE;

3. għaddew mill-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness li hemm mad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ppakkjati, immarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness li hemm mad-Direttiva 91/493/KEE;

5. mhux ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li fihom il-bijotossini;

6. għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli organolettiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi preskritti għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li hemm magħha.

L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat b'dan jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, id-Direttiva 92/48/KEE u d-Deċiżjoni 99/269/KE.

Magħmul fi: ....., fi: .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali [1]

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali [1]

.....
(Isem b'ittri kbar, kompetenza u kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

[1] Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandhom ikunu differenti minn dak użat fil-kumplament taċ-ċertifikat.'